MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 730/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**
**vs**
**Floyd Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Floyd Attard ta’ 18 sena bin Carmelo u Anna nee’ Zammit imwieled Pieta’ fil-10 ta’ Awissu 1984 u residenti 113, Triq il-Ponta, Isla detentur ta’ karta ta’ identita numru 400284(m) akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fit-12 ta’ Awissu 2002 u fil-granet ta’ qabel u dawk ta’ wara:

a. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda’ b’qerq iehor, igann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Roberta Mercieca u

Charmaine Mizzi u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapiotolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih, jew ghal persuna ohra minn haga ta’ haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li gab mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. dahal f’dar jew lok iehor, jew f’recint, bhala wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, ghal fatt biss ta’ dhul, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 330 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Illi fl-udjenza tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi din l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata u l-imputat ippersista fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Irrizulta wkoll li l-kwerelanta baqala tiehu l-ammont ta’ Lm150.

In vista tal-fuq espost u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kap 9 u ikkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tapplika l-Artikolu 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur millum.

Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 11 tal-Kap 152 u tikkundannah ihallas l-ammont bilancjali ta’ Lm150 zmien mhux aktar tard minn sitt xhur millum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------